



## STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA

### RAPPORT FINANZJARJU KONSOLIDAT TA' L-EWROSISTEMA TA' L-1 TA' APRIL 2005

#### I. Partiti li m'għandhom x'jaqsmu ma' l-operazzjonijiet tal-politika monetarja

Fil-ġimgħa li ntemmet fl-1 ta' April 2005, iż-żieda netta ta' EUR 3.2 biljun f'**deheb u ammonti riċevibbli f'deheb** (partita 1 ta' l-attiv) irriflettiet prinċipalment l-aġġustamenti ta' rivalutazzjoni ta' kull trimestru wara bejgħ ta' deheb li għamlu żewġ banek ċentrali nazzjonali ta' l-Ewrosistema (skond il-Ftehim tal-Bank Ċentrali dwar id-Deheb tas-27 ta' Settembru 2004).

Il-pożizzjoni netta ta' l-Ewrosistema f'munita barranija (partiti 2 u 3 ta' l-attiv barra mill-partiti 7, 8 u 9 tal-passiv) żdiedet b'EUR 5.5 biljun għal EUR 159.3 biljun. Iż-żieda kienet prinċipalment dovuta għar-rivalutazzjoni ta' kull trimestru ta' l-assi u ta' l-obbligazzjonijiet, filwaqt li t-transazzjonijiet tal-klijenti u tal-portafoll imwettqa mill-banek ċentrali ta' l-Ewrosistema fil-perijodu li qed jiġi kkunsidrat irriżultaw fi tnaqqis ta' EUR 0.2 biljun.

L-investimenti ta' l-Ewrosistema ta' **titoli negozjabbli tar-residenti taż-żona ta' l-euro u denominati f'euro** (partita 7 ta' l-attiv) baqgħu prattikament l-istess, jiġifieri EUR 79.7 biljun. **Il-karti tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni** (partita 1 tal-passiv) naqsu b'EUR 0.8 biljun għal EUR 500.9 biljun. **L-obbligazzjonijiet lejn l-amministrazzjoni pubblika** (partita 5.1 tal-passiv) naqsu b'EUR 6.8 biljun għal EUR 68.1 biljun.

#### II. Partiti li għandhom x'jaqsmu ma' l-operazzjonijiet tal-politika monetarja

Is-self nett ta' l-Ewrosistema lill-istituzzjonijiet ta' kreditu (partita 5 ta' l-attiv barra mill-partiti 2.2, 2.3, 2.4, 2.5 u 4 tal-passiv) naqas b'EUR 9.4 biljun għal EUR 366.7 biljun. Nhar l-Erbgħa, 30 ta' Marzu 2005, immaturat **operazzjoni ewlenija ta' rifinanzjament** ta' EUR 291 biljun u ġiet regolata waħda ġdida ta' EUR 276 biljun. Nhar il-Ħamis, 31 ta' Marzu 2005, immaturat **operazzjoni ta' rifinanzjament fuq perijodu itwal** ta' EUR 25 biljun u ġiet regolata waħda ġdida ta' EUR 30 biljun.

Ir-rikors għall-**faċilità ta' self marġinali** (partita 5.5 ta' l-attiv) kien ta' EUR 0.7 biljun (meta mqabbel ma' EUR 0.1 biljun tal-ġimgħa ta' qabel), waqt li r-rikors għall-**faċilità tad-depożitu** (partita 2.2 tal-passiv) kien ta' EUR 0.1 biljun (meta mqabbel ma' prattikament xejn fil-ġimgħa ta' qabel).

### **III. Kontijiet kurrenti ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu fiż-żona ta' l-euro**

Minħabba t-transazzjonijiet kollha, l-pożizzjoni tal-kont **kurrenti** li l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom ma' l-Ewrosistema (il-partita 2.1 tal-passiv) naqset b'EUR 1.8 biljun għal EUR 142.1 biljun.

### **IV. Rivalutazzjoni ta' l-attiv u l-passiv ta' l-Ewrosistema li ssir fl-aħħar ta' kull trimestru**

Skond ir-regoli armonizzati tal-kontabilità ta' l-Ewrosistema, id-deheb, il-kambju ta' flus barranin, l-investimenti f'titoli u l-istrumenti finanzjarji ta' l-Ewrosistema jiġu rivalutati skond ir-rati u l-prezzijiet tas-suq fl-aħħar ta' kull trimestru. L-impatt nett tar-rivalutazzjoni fuq kull partita tal-karta tal-bilanċ fil-31 ta' Marzu 2005 jidher fil-kolonna addizzjonali "**Differenza meta mqabbla mal-ġimgħa li għaddiet minħabba rivalutazzjonijiet**". Il-prezz tad-deheb u r-rati prinċipali tal-kambju użati għar-rivalutazzjoni tal-bilanċi kienu kif ġej:

Deheb: EUR 329.759 għal kull uqija fina

USD 1.2964 għal kull EUR

JPY 138.44 għal kull EUR

Drittijiet Speċjali ta' Kreditu (SDRs): EUR 1.1657 għal kull SDR

#### **Bank Ċentrali Ewropew**

Taqsimha Stampa u Informazzjoni

Kaiserstrasse 29, D-60311 Frankfurt am Main

Tel.: +49 69 1344 7455, Fax: +49 69 1344 7404

Website: <http://www.ecb.int>

**Ir-riproduzzjoni hi permessa bil-patt illi tiġi rikonoxxuta din l-istqarrija.**



BANK ĊENTRALI EWROPEW

## Rapport finanzjarju konsolidat ta' kull ġimgħa ta' l-ewrosistema tas- 1 ta' April, 2005

(EUR miljuni)

Attiv	Bilanċ fis- 1 ta' April, 2005	Differenza mqabbla mal-ġimgħa ta' qabel mħabba transazzjonijiet		Passiv	Bilanċ fis- 1 ta' April, 2005	Differenza mqabbla mal-ġimgħa ta' qabel mħabba transazzjonijiet	
		evalwazzjonijiet mill- ġdid				evalwazzjonijiet mill- ġdid	
1 Deheb u krediti f'deheb	128,058	-42	3,199	1 Karti tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni	500,861	-849	0
Drittijiet fuq persuni mhux residenti fiż-żona ta' l-euro denominati f'munita barranija				2 Obligazzjonijiet lil istituzzjonijiet ta' kreditu fiż-żona ta' l-euro relatati ma l-operazzjonijiet tal-politika monetarja denominati f'euro			
2.1 Ammonti riċevibbli mill-FMI	22,916	-11	554	2.1 Kontijiet kurrenti			
2.2 Bilanċi mal-banek u titoli ta' investment Self barrani u assi oħra barranin	132,994	275	4,979	(li jkopru s-sistema ta' riservi minimi)	142,146	-1,822	0
	155,910	264	5,533	2.2 Faċilità ta' depożitu	55	24	0
3 Drittijiet fuq residenti fiż-żona ta' l-euro denominati f'munita barranija	19,125	-480	771	2.3 Depożiti fissi	0	0	0
4 Drittijiet fuq persuni mhux residenti fiż-żona ta' l-euro denominati f'euro				2.4 Operazzjonijiet temporanji ta' fine-tuning	0	0	0
4.1 Bilanċi mal-banek, titoli ta' investment u self	9,304	420	-5	2.5 Depożiti relatati ma' sejħiet għal-ħlas jew għid marġinali	0	0	0
4.2 Talbiet li jirzultaw mill-faċilità ta' kreditu taħt l-ERM II	0	0	0		142,201	-1,798	0
	9,304	420	-5	3 Obligazzjonijiet oħra lil istituzzjonijiet ta' kreditu fiż-żona ta' l-euro denominati	140	0	0
5 Self lil istituzzjonijiet ta' kreditu fiż-żona ta' l-euro, relatat ma' l-operazzjonijiet tal-politika monetarja u li hu denominat f'euro				4 Ċertifikati ta' dejn maħruġa	0	0	0
5.1 Operazzjonijiet ewlenin ta' rifinanzjament	275,999	-15,001	0	5 Obligazzjonijiet lil residenti oħra fiż-żona ta' l-euro denominati f'euro			
5.2 Operazzjonijiet ta' rifinanzjament għal żmien itwal	90,002	5,003	0	5.1 L-amministrazzjoni pubblika	68,100	-6,776	0
5.3 Operazzjonijiet temporanji ta' fine-tuning	0	0	0	5.2 Obligazzjonijiet oħra	7,045	-13	0
5.4 Reverse operations ta' tip strutturali	0	0	0		75,145	-6,789	0
5.5 Faċilità ta' self marġinali	743	664	0	6 Obligazzjonijiet lil persuni mhux residenti fiż-żona ta' l-euro denominati f'euro	8,948	-62	0
5.6 Krediti relatati ma' sejħiet għal-ħlas jew għid marġinali	7	6	0	7 Obligazzjonijiet lil residenti fiż-żona ta' l-euro denominat f'munita barranija	173	-201	11
	366,751	-9,328	0	8 Obligazzjonijiet lil persuni mhux residenti fiż-żona ta' l-euro denominati f'munita			
6 Drittijiet oħra fuq istituzzjonijiet ta' kreditu fiż-żona ta' l-euro denominati f'euro	2,710	-210	2	8.1 Depożiti, bilanċi u obligazzjonijiet oħra	9,820	155	448
7 Titoli ta' sigurtà ta' residenti fiż-żona ta' l-euro denominati f'euro	79,717	30	-49	8.2 Obligazzjonijiet ġejjin mill-faċilità ta' kreditu taħt l-ERM II	0	0	0
8 Dejn ġenerali ta' l-amministrazzjoni pubblika denominat f'euro	41,172	-81	-26	9 Il-kontroparti ta' drittijiet ta' għid speċjali allokati mill-FMI	5,701	0	128
9 Assi oħra	124,407	-443	1,165	10 Passiv ieħor	54,001	-396	2,886
				11 Kont tar-rivalutazzjoni	71,961	0	7,119
				12 Kapitali u riżervi	58,203	68	0
<b>Assi Totali</b>	<b>927,154</b>	<b>-9,871</b>	<b>10,591</b>	<b>Total tal-passiv</b>	<b>927,154</b>	<b>-9,871</b>	<b>10,591</b>

Hu possibbli illi l-totali ma jikkorrispondux mas-somma tal-komponenti varji m'ħabba li s-somma għet miżjuda jew imnaqqsas sa l-eqreb numru sħiħ